MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Numru 585/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Chris Pullicino)
**Vs**
**Christopher Xuereb**
**Stephen Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Christopher Xuereb, 22 sena bin Anthony u Carmen nee' Saliba, imwieled Canada fil-11 ta` April 1980 u joqghod 13, Anton Falzon street, Luqa, I.D. No. 194696M

U Stephen Abdilla, 31 sena bin Thomas u Carmen nee' Bartolo, imwieled Pieta fil-31 ta` Ottubru 1970 u joqghod Blk R, Flt 3, Housing Estate, Marsa, I.D.no.457270M

Talli fit-18 ta` Lulju 2002 ghal habta tat-3.00pm gewwa tas-Sliema ikkommettew serq ta` diversi oggetti minn fuq il-blat fejn is-Surfside f`Tower Road Sliema, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin, sar ghad-detriment ta` Francesco Pafundi minn Potenza, Italia;

Christopher Xuereb wahdu akkuzat talli f`tas-Sliema fil-gimghat ta` qabel it-30 ta` Gunju 2002 f`hinijiet differenti;

a) ikkommetta serq ta` arlogg tal-idejn u flus kontanti (Lm8) mill-inhawi tal-Exiles liema serq ghad-dannu ta` persuna mhux maghrufa;

b) ikkommetta serq ta` ghaxar liri Maltin fi flus kontanti mill-inhawi tas-surfside liema serq sar ghad-dannu ta` persuna ohra mhux maghrufa;

c) u aktar talli kiser il-provedimenti ta` l-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenzi datati 25 ta` Settembru 2001 u 13 ta` Mejju 2002 fejn kien gie misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 3 snin u 3 snin ohra rispettivament;

Fl-ahhar nett ilkoll flimkien akkuzati talli saru recedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b`diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta` llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom

Issibhom hatja

Rat li fil-konfront ta` Christopher Xuereb li ikkommetta tlett (3) serqiet, l-Artikoli 261, 267 tal-Kap 9, l-Artikolu 5 tal-Kap 152 skond zewg sentenzi (Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9) kif ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu bit-tama li l-akkuzat ibiddel hajtu u jekk le, ikollu jgarrab il-konsegwenzi ta` ghemilu b`kastig ta` prigunerija. Tikkundanah sitt xhur prigunerija liema sentenza m`ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall-prigunerija fi zmien sentejn (2) m`illum u qed tfissirlu a tenur tal-Artikoli 28A u 28B ir-responsabiltajiet tieghu.

Rat fil-konfront ta` Stephen Abdilla l-Artikoli 261, 267, 49 u 50 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu bit-tama li l-hati jibdel hajtu, qed taghtieh l-ahhar opportunita u ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-Kap 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) m`illum.

L-Oggetti misruqa ghandhom jinghataw lil sidhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------